MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2008

Numru. 135/2008

Il- Pulizija
(Spettur Keith Arnaud)

-vs-

Siro Lanzon

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l- imsemmi Sirio Lanzon ta' 20 sena, iben Albert u Josephine nee` Azzopardi, imwieled Pieta` nhar l- 20 ta' Settembru, 1987, residenti gewwa 'Seaview Courts', Flat 1, Triq il- Gross, Marsascala; detentur tal- karta ta' l- identita` bin- numru 431187M.

Akkuzat talli b’ diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminjiet differenti, ikunu jiksru l- istess dispzizzjoni tal- ligi, u jkunu gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda;

Fil- Gzira, nahar id- 19 ta’ Frar, 2008, f’ xi hin bejn l- ghaxra u nofs ta’ filghaxija u l- hdax ta’ filghaxija, minn gewwa l- fond bl- isem Mr. Maxims Pizzeria & Snack Bar, li jinsab fi Triq ix- Xatt, Gzira ikkommetta serq ta’ flus li jammonta ghal aktar minn 232.93 Euro izda ma jeccedix l- 2329.37 Euro u dan ghad- detriment ta’ Jesmond Caruana mill- Gzira, liema serq hu kkwalifikat bil- valur, hin u bil- persuna;

U aktar talli f’ xi gurnata bejn l- erba` ta’ Frar, 2008 u l- ghaxra ta’ Frar, 2008, f’ xi hin wara d- disgha ta’ filghaxija, minn gewwa l- istess fond li jinsab fi Triq ix- Xatt, Gzira, ikkommetta serq ta’ flus li jammonta ghal aktar minn 232.93 Euro izda li ma jeccedix il- 2329.37 Euro u dan ukoll ghad- detriment ta’ Jesmond Caruana mill- Gzira, liema serq huwa kkwalifikat bil- valur, hin u persuna;

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali li permezz taghha ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu waqt l-udjenza mizmuma fid-19 ta’ Frar 2008 u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti fissrittlu l-konsegwenzi ta’ ammissjoni u taghtu zmien biex jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-artikoli 261(b)(d)(f), 267, 268, u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-fedina penali ta’ l-imputat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti ikkunsidrat l-ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-Pulizija, u l-fedina penali ta' l-imputat.

Illi parte mir-refurtiva giet rkuprata fil-waqt li l-imputat iddikjara li huwa lest jhallas dak li ma giex rkuprat.

Illi tenut kont ta' dan u l-eta ta'l-imputat il-Qorti hija tal-fehma li piena karcerarja mhiex indikata u li ghandha tapplika fil-konfront ta' l-imputat l-provvediment ta'l-artikolu 7 tal-Kap 446.

Ghal dawn il-motivi fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 261(b)(d)(f), 267, 268, u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' *probation* ghal perjodu ta' sentejn (2) snin. Il-Qorti tordna wkoll lill-imputat sabiex jibda programm ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga u tordna ukoll li f'perjodu ta' sitt xhur huwa jhallas is-somma ta' mitejn u sittin Euro (Euro 260) lid-derubat Jesmond Caruana.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk huwa jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hatja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------